TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

8

Avviż Numru CCT 84/18/F

**Archibald Attard**

**vs**

**Dario Azzopardi – 3 Group**

Illum 8 ta' Jannar, 2019

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fl-4 ta' Ġunju, 2018 fejn ir-rikorrenti talab rifużjoni ta' elfejn u sitt mitt ewro (€2,600), rappreżentanti l-prezz ta' magna li tipproduċi l-flus.

Is-soċjeta' ntimata ma ppreżentatx risposta bil-miktub għal din it-talba, u lanqas attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien xtara magna li kienet tikkonverti l-bitcoins u hekk tkun tista' ssarrafhom bħala flus. Pero' meta xtara din il-magna kienet tagħmel ħafna ħoss u kienet taħli ħafna u ħafna dawl, illi tant kien għoli l-kont tad-dawl li ma jagħmilx sens li tuża din il-magna.

Irriżulta li l-intimat debitament notifikat u msejjaħ tliet darbiet, ma deherx għas-seduta u dan minkejja li kien notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ. Illi dan ifisser għat-Tribunal li l-intimat ma kkontestax din it-talba.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' elfejn ewro (€2,000), u b'dan illi l-magna tiġi propjeta' tal-intimat wara li jsir il-ħlas, u bl-ispejjeż kontra l-istess intimat.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**